MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 91

**26 ta' Frar 2019**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Michael Fenech Adami – Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Herbert Conti – Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
John Borg - Kunsillier

**ASSENTI**
Mark George Abdilla - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera s-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur John Mizzi, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Herbert Conti, is-Sur Antoine Attard, u s-Sur Owen Patrick Attard.

F'waqtiet f'din il-laqgħa kien preżenti l-konsulent finanzjarju tal-Kunsill is-Sur Christian Vella.

**91.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

91.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

91.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva apoloġija mill-Kunsillier is-Sur John Borg li nqabad xogħol. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija.

**91.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

91.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 90 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija

91.2.2 Fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsilliera s-Sur Anthony Buttigieg u s-Sur Owen Patrick Attard, il-minuti tal-laqgħa numru 90 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

**91.3 Rapport Finanzjarju – Għeluq is-sena 2018**

91.3.1 Il-Konsulent Finanzjarju s-Sur Christian Vella ressaq ir-rapport finanzjarju mhux awditjat u spjega fid-dettall numru ta' figuri. Minħabba proċedura ġdida, din is-sena d-diprezzament żdied bi kważi 900,000euro u l-figuri huma ftit *distorted*. Fil-fatt se nisimgħu ħafna garr minn Kunsilli oħra fuq dan it-trattament ġdid.

91.3.2 Meta taqta' d-diprezzament, il-Kunsill għamel qliegħ ta' kważi 200,000euro.

91.3.3 Ir-rapport jassumi illi bħal ma sar fi snin imgħoddija, il-gvern se jħallas lura lill-*wasteserv* id-differenza bejn l-allokazzjoni għal *tipping*, u l-*actual tipping fees*.

91.3.4 Il-proġetti l-kbar ġew koperti b'fondi diversi fosthom mill-gvern ċentrali, *Planning Authority* u *erdf*.

91.3.5 Se ssir laqgħa mal-V&C Contractors biex jiġu kjarifikati / ikkanċellati xi *invoices*.

91.3.6 L-indikatur finanzjarju tjieb bi kważi 30,000euro minn -27% għal – 24% u xi ftit jew wisq għadna mixjin mal-*business plan* u l-pjan li jinqata' d-dejn sas-sena 2020.

91.3.7 Ir-rapport ġie approvat b'mod unanimu biex issa jiġu awditjat mill-awdituri.

**91.4 Laqgħa annwali tal-Lokalita'**

91.4.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li kellna bżonn insibu data għal-laqgħa annwali. Kien hemm qbil li din issir il-Ħamis 25 ta' April 2019 fis-7pm.

**91.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

91.5.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ressqet quddiem il-Kunsill numru ta' dati ta' avvenimenti tal-Kunsill li huma dawn:
* It-Tlieta 2 ta' April fis-7pm – *integration meeting*
* Il-Ġimgħa 5 ta' April fis-7pm se jinfetaħ il-Proġett tal-Wied li se jissemma' għal Lippu Sammut.
* Il-Ġimgħa 26 ta' April fis-7pm se jkun inawgurat Ġnien l-Għaqdiet
* Is-Sibt 27 ta' April wara nofsinhar attivita' sportiva – fun run mat-toroq Karkariżi

91.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva email mingħand il-Kunsilliera s-Sinjura Marie Claire Zammit fejn talbitu lista tal-proġetti li saru mill-Kunsill, kemm dawk li bdew u lesti kif ukoll dawk li kienu fil-proċess li jitlestew. Is-Segretarju Eżekuttiv għaddha lista tal-proġetti li kienu għaddejjin u qal lis-Sinjura Kunsilliera illi kien se jibgħatilha lista ta' proġetti u attivitajiet kompluti permezz ta' email.

**91.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

91.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irrapporta illi l-*bye law* dwar tlajjar fit-toroq Karkariżi issa għaddiet mill-Parlament u ġiet ippublikata fil-gazzetta tal-gvern u se jkun qed javża biha lill-Pulizija.

91.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv irrapporta illi l-Kunsill rebaħ fond tal-President għall-kreattivita' sabiex isir programm ma' l-anzjani fejn se jsir replika ta' stained glass fuq il-ħġieġ taċ-ċentru ċiviku.

91.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq mozzjoni 1/19 li waslet għandu matul il-jum. Il-proposta tal-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami ssekondata mill-Kunsilliera John Mizzi, Antoine Attard u Marie Claire Zammit kienet tgħid hekk:

"Aħna hawn taħt iffirmati qed inressqu din il-mozzjoni biex tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali illum t-Tlieta 26 ta' Frar 2019, sabiex ma jibda l-ebda proġett jew xogħol taħt il-kontroll tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara qabel ma jiġi ffurmat kunsill ġdid wara l-elezzjonijiet tal-25 ta' Mejju 2019. Dan sakemm l-imsemmi xogħol ma jkunx kwistjoni ta' emerġenza."

Kien hemm diskussjoni dwar din il-mozzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li din hija mozzjoni identika għal dik li kienet saret mill-Kunsilliera Laburista qabel l-elezzjoni ta' l-2013.

Il-Kunsillier is-Sur Owen Patrick Attard ried spjegazzjoni għax qal li dan huwa tentattiv li jitwaqqaf xogħol bħal ma kien hemm tentattiv li jsir f'Tas-Sisla ħabba l-ġiebja. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qallu li dan ma kellux x'jaqsam. Huwa qal illi l-mozzjoni kienet fuq prassi ta' proċedura. Is-Sur Attard qallu li l-prassi mhix liġi u x-xogħol irid jibqa' għaddej. Hawnhekk kellu bżonn jittieħed vot billi ma kienx hemm qbil.

Il-Kunsilliera s-Sinjuri Michael Fenech Adami, Marie Claire Zammit, John Mizzi u Antoine Attard ivvutaw favur il-mozzjoni.

Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg u l-kunsilliera s-Sinjuri Owen Patrick Attard, Herbert Conti, Kaylocke Buhagiar, Jimmy JM Calleja u Anthony Buttigieg ivvutaw kontra din il-mozzjoni.

Il-mozzjoni ma għaddietx b'4 voti kontra 7.

91.6.4 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami semma s-siġar ta' triq il-Wied illi hemm bżonn jinqalgħu għax mejtin. Is-Segretarju qal li konna qabbadna konsulent li ma qalx li s-siġar kienu mejtin madankollu ħa jara x'jista' jsir biex jinżabru u ssir pressjoni neċessarja.

91.6.5 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal ukoll illi hemm bżonn niżbru s-siġar fl-istazzjon. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jkellem lill-kuntrattur.

91.6.6 Il-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex anke jekk ma jiġix elett fl-elezzjoni li ġejja, jibda jipprepara u eventwalment jorganizza l-ġita għall-anzjani għal Sqallija tas-Sajf. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**91.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 69 u 70**

91.7.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech għaddiet għall-approvazzjoni tal-membri l-listi tal-petty cash. Dawn ġew issekondati mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg u approvati nem. con.

91.7.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ressqet għall-approvazzjoni l-iskedi ta' pagamenti 69 u 70. Dawn ġew issekondati mill-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg u l-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Ma kienx hemm mistoqsijiet u l-finanzi għaddew b'mod unanimu.

**91.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

91.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 20 ta' Marzu fis-6pm.

Konfermati, illum 20 ta' Marzu 2019.

IFFIRMATI

| | |
|---|---|
| Joanne Debono Grech | Neil Spiteri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |